**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1648/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Christian Faranda Gnao**

**Illum 8 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Christian Faranda Gnao** ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Antonio u Anna Vacarella, imwieled ġewwa Caltagirone, l-Italja, fil-31 ta' Lulju 1990, u detentur ta' Passaport Taljan bin-Numru AY0336998, talli matul il-ġranet tat-23 ta' Frar 2024, l-1 ta' Marzu 2024, it-2 ta' Marzu 2024 u t-3 ta' Marzu 2024, ġewwa tas-Sliema, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq sempliċi liema valur ta' l-oġġetti misruqa ma kienux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-detriment ta' l-istabiliment Eurospar;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A' sa' Dok. "H";

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema sottomissjonijiet irriżulta li fost affarijiet oħra, l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' alkoħol;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli matul il-ġranet tat-23 ta' Frar 2024, l-1 ta' Marzu 2024, it-2 ta' Marzu 2024 u t-3 ta' Marzu 2024, ġewwa tas-Sliema, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni

waħda: (1) ikkommetta serq sempliċi liema valur ta' l-oġġetti misruqa ma kienux iżjed minn €232.94, għad-detriment ta' l-istabiliment Eurospar.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessa, iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li huwa jidher li għandu problema ta' abbuż ta' alkohol.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal xahrejn (2) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' xahrejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta 'sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' alkoħol, il-Qorti tqis li huwa għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza din il-problema u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità l-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**